# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 489/2017/LSO**

**Joseph Alfred Izzo Clark (K.I. 0509964M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b' digriet tad-9 ta' Novembru 2017 gie Kjamat in Kawza Gregory Izzo Clark.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph Alfred Izzo Clark (K.I. 0509964M) datat 30 ta’ Mejju 2017 fejn espona: -

Illi kunjom ir-rikorrent fuq l-att tat-twelid tieghu, bin-numru 5099/1964 (immarkat bhala Dok. A) taht l-intestaturi *'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier',* u *'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Omm',* huwa indikat bhala "Izzo Clark";

Illi kunjom it-tifel tar-rikorrent fuq l-att tat-twelid bin-numru 5096/1994 (immarkat bhala Dok. B) taht l-intestaturi *'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier',* u *'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Omm',* huwa indikat bhala "Izzo Clark";

Illi l-kunjom tar-rikorrent fl-att taz-zwieg tieghu ma' Silvana nee` Sammut mizmum f'San Giljan nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija, tnejn u disghin (1992), bin-numru 1293/1992, (immarkat bhala Dok. C), huwa indikat bhala 'Izzo Clarke';

Illi l-kunjom ta' oht ir-rikorrent fuq l-att tat-twelid taghha, bin-numru 3728/1962 (immarkat bhala Dok. D) taht l-intestaturi *'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier',* u *'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Omm',* huwa indikat bhala "Izzo Clarke";

IIli l-kunjom 'Izzo Clarke' jidher fuq diversi dokumenti, fosthom, il-karta tal-identita` tar-rikorrent (immarkat bhala Dok. E1 u E2), passaporti li kellu r-rikorrent (immarkati bhala Dok. F1-F3), dokument tal-vot (immarkat bhala Dok. Ġ), kif ukoll licenzja tas-sewqan datata tlieta (3) ta' Frar

tas-sena elf disa' mija, tnejn u disghin (1992) (immarkat bhala Dok. G);

Illi l-kunjom 'Izzo Clarke' jidher ukoll fuq diversi certifikati tar-rikorrent, fosthom, ic-certifikat tal-Matrikola, immarkat bhala Dok. GH, certifikat mill-Universita` ta' Londra, (immarkat bhala Dok. H), certifikati mill-Universita` ta' Oxford, (immarkati bhala Dok. H1 - H2), certifikat mill-Universita` ta' Malta, (immarkat bhala Dok. I), *warrant* mill-President tar-Repubblika ta' Malta (immarkat bhala Dok. IE), kif ukoll ic-certifikat mill-PMO, Kummissjoni Ewropea (immarkat bhala Dok.J);

Illi l-kunjom 'Izzo Clarke' jidher ukoll fuq diversi ittri mibghuta lir-rikorrent fosthom, ittra mill-International Court of Justice, (immarkat bhala Dok. K), u ittra mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' Investiment, (immarkat bhala Dok. L);

Illi r-rikorrent konsistentement uza l-kunjom 'Izzo Clarke' matul hajtu;

Illi r-rikorrent jixtieq ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi hawn fuq u ghaliex tali inkosistenza kkwazat u qed tikkawza diffikultajiet prattici, illi *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-kunjom fuq l-atti tat-twelid tieghu u kemm tat-tifel Gregory, jidher bhala 'Izzo Clarke';

Ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 5099/1964 isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestaturi *"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"* il-kunjom "Izzo Clark" jigi ikkancellat u sostitwit b' "Izzo Clarke"; u

3. Tordna li fuq l-att tat-twelid ta' iben ir-rikorrent 5096/1994 isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestaturi *"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"* il-kunjom "Izzo Clark" jigi ikkancellat u sostitwit b' "Izzo Clarke"; u

4. Tordna, ghall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk joghgobha din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu u jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-atti tal-istat civili msemmi fil-paragrafi precidenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 19 ta' Gunju 2017 (fol 33) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess

Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat is-segwenti:

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma illi ghandu jigi kjamat in kawza iben ir-rikorrent u cioe', Gregory Izzo Clark. Dan *stante* li r-rikorrent fit-talba numru 10(c) tar-rikors promotur qed jitlob li jsiru korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tal-istess Gregory Izzo Clark fir-rigward ta' kif jidher *'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier'* u kif ukoll *'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Omm'* u ghaldaqstant id-decizjoni finali tal-Qorti rigward din it-talba, eventwalment se tkun qed tiddetermina kif Gregory Izzo Clark ser jikteb kunjomu u jiffirma;

3. Illi bla hsara ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi *stante* t-talba kif dedotta, tajjeb li jkun sottolinejat illi l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f’ismijiet u mhux f’kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

5. Illi f’ dan l-istadju l-esponenti tecepixxi illi ma jidhirx li hemm xi dikjarazzjoni ta' zball da parti ta' l-esponent fir-rikors gurament tar-rikorrent u lanqas zball da parti l-esponent fl-Att t-Twelid tieghu u ta' ibnu, li ghandhom in-numri progressivi 5099 tas-sena 1964 u 5096 tas-sena 1994 rispettivament, u li nhargu mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku;

6. Illi rigward il-premessi tar-rikorrent fir-rikors guramentat tieghu, l-esponenti tibda sabiex tixhet dawl fuq is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, bin-numru progressiv 5099 tas-sena 1964, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi:

(i) Isem u kunjom missier ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Philip Izzo Clark',
(ii) Isem u kunjom omm ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Evelyn wife of the said Philip Izzo Clark', u,
(iii) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrent gew imnizzla bhala 'Paul Izzo Clark'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi s-Sur Philip Izzo Clark kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

b. Illi fl-Att tat-Twelid ta' oht ir-rikorrent, bin-numru progressiv 3728 tas-sena 1962, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', jidher illi:

(i) Isem u kunjom missier oht ir-rikorrent gew mnizzla bhala 'Philip Izzo Clarke',
(ii) Isem u kunjom omm oht ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Evelyn wife of the said Philip Izzo Clarke', u,
(iii) Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrent gew imnizzla bhala 'Paul Izzo Clarke'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi missier ir-rikorrent li kien id-dikjarant tal-informazzjoni kemm fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent kif ukoll f’ dak ta' oht ir-rikorrent, nizzel il-kunjom b'mod differenti fiz-zewg Atti tat-Twelid ta' uliedu;

c. Illi fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrent, bin-numru progressiv 1293 tas-sena 1992, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', jidher illi:

(i) Isem u kunjom ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Joseph Alfred Izzo Clark',
(ii) Isem u kunjom missier ir-rikorrent gew imnizzla 'Philip Izzo Clark';

d. Illi fl-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrent, u cioe' Gregory Izzo Clark, bin-numru 5096 tas-sena 1994, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', jidher illi:

(i) Isem u kunjom ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Joseph Alfred Izzo Clark',
(ii) Isem u kunjom omm iben ir-rikorrent gew imnizzla bhala 'Silvana Izzo Clark',
(iii) Isem u kunjom in-nannu ta' Gregory Izzo Clark gew imnizzla bhala 'Philip Izzo Clark'.

Barra minn hekk, minn dan id-dokument huwa car illi r-rikorrent kien id-dikjarant tal-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini hu stess kien iffirma l-Att in kwistjoni;

7. Illi l-esponenti tissottometti illi *stante* s-suespost, id-Direttur konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal proceduri istanti galadarba ma tirrizulta ebda nuqqas da parti d-Direttur konvenut u dan ghaliex kienu d-dikjaranti nnfushom li ddikjaraw u accettaw tali informazzjoni permezz tal-firma;

8. Illi ghalaqstant, fil-mertu l-esponenti ser tirrimmetti ruhha ghall-ghaqli u *savju* gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 9 ta' Novembru 2017 (fol 106) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Natasha Gouder ghall-attur u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Il-Qorti, fuq talba tar-rikorrenti ordnat l-kjamat in kawza ta' Gregory Izzo Clark, u ordnat li ssir korrezzjoni fl-atti. Dr Gouder ipprezentat nota b' affidavit *seduta stante* u ghaddiet kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghan-notifika u r-risposta tal-kjamat in kawza, u ghall-provi dokumentarji tar-rikorrent ghas-16 ta' Jannar 2018 fid-9:30am.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 22 ta' Frar 2018 (fol 121) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat infurmat lill-Qorti li m'ghandhiex provi x'tipproduci u zzomm ferm l-eccezzjonijiet taghha. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fl-1 ta' Gunju 2017 (fol 26a) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi gie kjamat in kawza Gregory Izzo Clark, permezz ta' digriet awtorizzat tad-9 ta' Novembru 2017, b'hekk it-tieni eccezzjoni hija wkoll sorvolata. Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrent qed jitlob li kunjomu fl-att tat-twelid tieghu numru 5099/1964, u fl-att tat-twelid ta' ibnu, numru 5096/1994, kull fejn jidher il-kunjom "Izzo Clark" ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Izzo Clarke."

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova li kien konsistentement maghruf bil-kunjom "Clarke". Ghal dan il-ghan, esebixxa Dok C, l-att taz-zwieg tieghu, fejn kunjomu hu indikat bhala "Izzo Clarke". Esebixxa wkoll kopja tal-karta tal-identita` u Dok F kopji tal-passaporti li kellu r-rikorrent, Dok G (fol 15), dokument tal-vot (fol 16), certifikati akkademici (fol 17-21), *warrant* tieghu moghti mill-President tar-Repubblika a fol 22, u certifikat tal-Kummissjoni Ewropea, Dok J a fol 23, u f'dokument ufficjali fejn inghata *appointment* ta' *councellor*, Dok L, (a fol 25), fejn f'dawn id-dokumenti kollha, r-rikorrent huwa indikat bil-kunjom "Clarke". Gew esebiti wkoll serje ta' dokumenti ohrajn a fol 45 sa 103, li juru evidentement referenza ghall-kunjom "Clarke".

Inoltre`, r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit, fejn qal, li n-nannu tieghu Paolo Izzo kien adotta wkoll il-kunjom 'Clarke' b'hekk anke missieru kien Filippo Izzo Clarke, u fil-familja taghhom dejjem intuza l-kunjom "Izzo Clarke", tant li fir-Registru Elettorali l-genituri tieghu kienu mnizzlin bhala "Izzo Clarke". Irrizulta, li ohtu Victoria, hija registrata fl-att tat-twelid taghha, bhala "Izzo Clarke", b'konsegwenza li l-att tat-twelid taghha u tieghu mhumiex identici fis-sens, li f'tieghu sar zball genwin fil-kitba billi gie registrat bhala "Clark". Izda, matul hajtu, hekk kif jidher mid-dokumenti kollha esebiti, dejjem uza l-kunjom "Izzo Clarke". Spjega li waqt li kien joqghod Londra, it-tieni iben tieghu Andrew gie registrat bhala "Izzo Clarke", filwaqt li ibnu Gregory gie registrat bil-kunjom "Izzo Clark".

**Gregory Izzo Clark** xehed permezz ta' affidavit u qal li fil-familja tieghu, il-kunjom kien dejjem miktub bhala "Izzo Clarke", u hemm bzonn li tigi korretta d-diskrepanza kif inhu spellut il-kunjom biex ikun hemm konsistenza mal-kunjom tal-familja.

**Maria Victoria Izzo Clarke**, oht ir-rikorrent, xehdet permezz ta' affidavit, u qalet li "Izzo Clarke" kien beda jintuza minn zmien in-nannu taghhom. Hi kkonfermat li fl-att tat-twelid taghha, il-kunjom hu indikat bhala "Izzo Clarke" filwaqt li f'ta' huha tnizzel bhala "Izzo Clark", bi zball ghax huma ahwa u kunjomhom ghandu jkun l-istess.

**Silvana Izzo Clarke** xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hi ltaqghet ma' Joseph ir-rikorrent, f'Ottubru 1985 u meta zzewgu u anke marru jirrisjedu barra minn Malta, dejjem uzat isimha u kitbet kunjomha bhala "Izzo Clarke", tant li anke fl-att taz-ziweg taghhom, il-kunjom hu indikat bhala "Izzo Clarke."

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li huwa konsistentement maghruf bil-kunjom "Izzo Clarke".

Referibbilment ghar-raba' u l-hames eccezzjonijiet ikkonsidrat li **l-Artikolu 253(1) u (2)** jistipulaw hekk:

*(1)* "*Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi."*

"*(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:*

"*Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhix issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv".*

Kif wieħed jista' jara, skont l**-Artikolu 253(2)** jista' jintalab li jinbidel l-isem ta' persuna li tidher fuq iċ-ċertifikat tat-twelid għal dak li bih l-istess persuna hija konsistentement imsejħa (anke jekk huma ismijiet kompletament differenti minn xulxin). Ma jeżistix provvediment simili fir-rigward tal-kunjom, u cioe` biex jinbidel il-kunjom kif reġistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' persuna sempliċiment għax il-persuna in kwistjoni hija magħrufa b'kwalsiasi kunjom ieħor.

Illi kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Julia Manduca et v Direttur tar-Registru Pubbliku** deciz fis-27 ta' Mejju 2017:

"*Hawnhekk ukoll, pero`, kif tajjeb osservaw r-rikorrenti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, hemm sentenzi fejn persuni effettivament irnexxielhom jottjenu l-awtorizzazzjoni biex ibiddlu kunjomhom minn kif imniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom. Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet* ***Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***[1] *il-Prim' Awla tal-Qorti*

[1] **Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)

*Ċivili awtorizzat il-bdil ta' kunjom minn "Dowling Attard" għal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem magħruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijiet."* Mhux l-istess gara fil-kawża fl-ismijiet **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**,[2] fejn il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba għal bdil ta' kunjom minn "Schembri" għal "Damian-Schembri" billi l-Qorti irriteniet li ma kienx ġustifikat li hija tagħti timbru uffiċjali għal dan l-"istil" u għalhekk ċaħdet it-talba. Fil-kawża **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku**[3], imbaghad din il-Qorti kif divserament presjeduta kienet irriteniet li ma jidhirx li taħt il-liġi nostrana dak li jkun bis-sempliċi volonta` tiegħu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesiġi ratifika anke jekk għalih isarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identita` tiegħu.

Ikkonsidrat li l-artikolu 253(1) li jipprovdi li tista' tintalab "korrezzjoni" ta' reġistrazzjoni ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi koreġut.

Fil-kaz odjern, hija sinifikanti d-diskrepanza li tezisti bejn l-att tat-twelid tar-rikorrent u l-att tat-twelid ta' ohtu Maria Victoria, kif indikat fir-rikors promotur, u wkoll fl-assjem tal-provi. Jigi osservat li d-diskrepanza ezistenti hi li kunjom il-missier fl-att tat-twelid ta' oht ir-rikorrent, huwa indikat bhala "Izzo Clarke" u fl-att tat-twelid tar-rikorrent bhala "Izzo Clark". Ghalhekk, jigi dedott li hu verosimili, li sar zball mill-genituri tar-rikorrent, meta rregistraw l-att tat-

[2] **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (App Sup. 16.12.2003)
[3] **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS)

twelid tieghu, fir-rigward ta' kif gie spellut il-kunjom. Dan specjalment fl-isfond tax-xhieda tar-rikorrent dwar il-kitba tal-kunjom "Izzo Clarke" riferibbilment ghan-nannu patern tieghu Paolo li kien l-ewwel li aggunga l-kunjom "Clarke" ma' "Izzo". B'hekk il-kunjom li tnissel kellu korrettement ikun "Izzo Clarke."

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kaz.

Stante dan kollu premess, din il-Qorti ser takkolji t-talba tar-rikorrent salv ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel talba billi diga saret il-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 5099/1964, isiru l-korrezzjonijiet fis-sens li l-intestaturi *"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"* il-kunjom "Izzo Clark" jigi ikkancellat u sostitwit b' "Izzo Clarke."

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna li fuq l-att tat-twelid ta' iben ir-rikorrent bin-numru 5096/1994 isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fis-sens illi taht l-intestaturi *"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier"* u *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"* il-kunjom "Izzo Clark" jigi ikkancellat u sostitwit b' "Izzo Clarke";

4. Tilqa’ r-raba’ talba ghall-finijiiet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu hu jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-atti tal-istat civili msemmija fil-paragrafi precedenti.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta’ April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta’ April 2018**